# Qalbek Ġerusalemm il-Ġdida
## Adorazzjoni Ewkaristika
## għas-Solennità tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù
## Ġunju 2024

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Qalb ta' Kristu, inti l-arka
fejn tinsab il-liġi mqaddsa
ta' kull grazzja, maħfra w ħniena,
mhux tal-jasar tal-imgħoddi.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Qalb ta' Kristu, inti t-tempju
tal-Patt ġdid, imwettaq b'demmek:
tempju eqdes mis-santwarju
ta' Sijon, għax bnieh l-Ispirtu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ħallejt lanza ħarxa tinfdek,
biex mill-ġenb miftuħ joħorġu
dwal qawwija, li juruna
kemm bla tarf ħabbejt lill-bniedem.

*Missierna, Sliema, Glorja*

B'din l-imħabba kont imqanqal,
Kristu, s-Saċerdot kbir tagħna,
xħin offrejt lilek innifsek
vittma fis-salib u fl-ikla.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Inwegħduk, Mulej, li npattu
din l-imħabba b'imħabbitna,
hekk li dejjem inħabirku
biex bil-qalb ningħaqdu miegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja lilek, Kristu Sidna,
li ftaħt għajn tal-grazzja f'qalbek;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk kif f'dan il-jum bħala poplu niġu mitluba nħarsu s-skiet tad-dixxerniment li jippermetti deċiżjonijiet għaqlija fl-interess tal-ġid komuni, qalbna tista' ssib il-mistrieħ fil-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù li llum qegħdin niċċelebraw. Hija festa li tfakkarna fil-konkretezza tal-inkarnazzjoni: Alla jieħu qalb tal-laħam bħal tagħna biex biha jħobbna b'mod li aħna nistgħu nwieġbu lura, fuq l-istess livell, waqt li tinfetaħ għalina tieqa fuq l-infinit. L-Iben ta' Alla jieħu qalb bħal tagħna biex bħala bniedem jitgħallem u jgħallem kif iħobb lil Alla fil-limiti u l-limitazzjonijiet tagħna l-bnedmin. Misteru tremend li jkebbes lil qalbek imma wkoll jheżżiżha meta tieqaf taħseb sewwa sew l-implikazzjonijiet.
Fost dawn insibu li Alla ħa għal dejjem qalb tal-laħam bħal tagħna sabiex aħna wkoll, meta nissieħbu miegħu f'Ġerusalemm il-ġdida, niksbu qalb f'ġisem igglorifikat jixbah lil tiegħu. Aħna—ħlejjaq xbieha tiegħu—fl-aħħar taż-żmien insiru ħolqien ġdid fuq ix-xbieha tal-umanità li Alla ħa fuqu. Huwa minn din il-perspettiva eskatoloġika—mill-perspettiva tat-tmiem ta' kollox f'Alla—li se nikkontemplaw il-misteru tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù f'dan il-ħin ta' adorazzjoni, sabiex din il-perspettiva tal-eternità ddawwal il-viżjoni tagħna aħna u nterrqu fid-dinja.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi** (21, 1. 9-11. 22-26; 22, 1-5)
Jien, Ġwanni, rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u ma kienx hemm iżjed baħar. Imbagħad wieħed mis-seba' anġli, dawk tas-seba' bwieqi bl-aħħar seba' kastigi, ġie jkellimni u qalli: "Ejja nurik l-Għarusa, mart il-Ħaruf." U ħadni fl-ispirtu fuq muntanja kbira u għolja, u wrieni l-Belt il-Qaddisa, Ġerusalemm, nieżla mis-sema mingħand Alla, bil-glorja ta' Alla fiha, tiddi bħal ħaġra mill-aktar prezzjuża, bħal ġaspru jleqq daqs il-kristall.
Ebda tempju ma rajt fiha, għax il-Mulej hu t-tempju tagħha, Alla li jista' kollox, u l-Ħaruf. U l-Belt ma teħtieġ la xemx u lanqas qamar biex idawluha, għax biex iddawwalha għandha l-glorja ta' Alla, u l-musbieħ tagħha l-Ħaruf. Il-ġnus jimxu bid-dawl tagħha, u s-slaten tal-art iġibulha l-glorja tagħhom. Il-bibien tagħha ma jingħalqux binhar, għax lejl hemmhekk ma jkunx hemm. U jġibu fiha l-glorja u l-ġieħ tal-ġnus.
Imbagħad l-anġlu wrieni x-xmara tal-ilma tal-Ħajja, ċara daqs il-kristall, tgelgel mit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf. F'nofs il-pjazza tal-Belt, fuq naħa u oħra tax-xmara, hemm siġra tal-Ħajja tagħmel frott ta' tnax-il xorta, trodd il-frott tagħha darba fix-xahar; il-weraq tas-siġra huma duwa tajba għall-ġnus.
Ebda saħta ma jkun hemm iżjed. Fiha jkollha t-tron ta' Alla u tal-Ħaruf, u l-qaddejja tiegħu jaqduh, jaraw wiċċu, u jkollhom ismu fuq ġbinhom. Lejl ma jkunx hemm iżjed, u ma jkunux jeħtieġu dawl ta' musbieħ u dawl tax-xemx, għax il-Mulej Alla jkun jiddi fuqhom, u huma jsaltnu għal dejjem ta' dejjem.

**Il-Kelma tal-Mulej.**

*R/.* Irroddu ħajr lil Alla.
Mulej, Qalbek hi glorja miġruħa. Qalbna hi ġerħa tistenna li tiġi gglorifikata.
Qalbek Ġerusalemm il-ġdida. Qalbna Ġerusalemm li waddbitek ’il barra u sallbitek.
Qalbek belt mingħajr bibien. Qalbna terrapien li xorta jipprova jingħalaq.
Qalbek kollha ħaġar prezzjuż. Qalbna iktar qisha l-ġawhar li nxtħetna lill-qżieqeż.
Qalbek il-maqdes li joffri kenn. Qalbna għadha tfittex il-kenn mingħajr qdusija.
Qalbek dija li tkeċċi l-lejl. Qalbna dlam li jaħrab mill-jum għax ma tridx li għemilha jinkixef.
Qalbek musbieħ il-belt. Qalbna trid tkun biss musbieħ moħbi imma li mbagħad inin għax jifga.
Għax Qalbek hija l-belt, u hi l-ġenna. Hemmhekk tilqagħna u hemmhekk tgħarrafna l-imħabba tal-Missier li tak għalina. Hemmhekk ma tibqax tippumpjana iżjed ’il barra għax ma jifdal xejn li hu ’l barra minnha—fiha, Alla kollox f ’kollox ikun.
Ftit ftit, dan beda jseħħ diġà. Ftit ftit, Qalbek tassorbi bla ma ddewweb u xxejjen lil dawk li diġà kisbet. Imma ftit ftit, u l-meta hu mistur. Għalhekk il-ġrajja ma tagħlaqx: għadha tinkiteb; għadna niktbuha; għadek tiktibha—ġrajja li għandha tmiem li jibqa’ għal dejjem.
U għalhekk, filwaqt li qlubna wiċċ din l-art jibqgħu jterrqu, dan jagħmluh bil-fiduċja, bl-imħabba mkebbsa u li tfur fil-karba: “Ejja!” U wkoll jekk it-tnehid ta’ qalbna jibqa’ donnu ma jistax jitfisser bil-kliem, ħa jkun l-Ispirtu tiegħek li jidħol għalina bit-talb tiegħu, u int agħraf li x-xewqa tiegħu fina hija li ngħajtulek: “Ejja!” “Ejja!” ngħidulek, aħna f’dan laħamna. “Ejja!” ngħidulek aħna, l-għarusa tiegħek. Ejja! Imma sakemm l-aħħar taħbita ta’ Qalbek tiġbed ’il qlubna ’l ġewwa għal dejjem, tibqa’ tħabbat Qalbek fil-qalba tad-dinja!

(minn *Għada tħabbat fil-Qalb tad-Dinja* [Malta: Reliġjon u Ħajja, 2023], 59-61)

## Innu Ewkaristiku

Mulej, f’dinja fejn is-simbolu tal-qalb hu tant użat li sar irħis wisq, ma jfisser xejn, reazzjoni kwalunkwe għal kwalunkwe messaġġ li nirċievu jew nibagħtu, iċ-ċelebrazzjoni tal-Qalb tiegħek terġa’ tfakkarna fil-qdusija tal-qalb—kemm tiegħek u kemm tagħna—bħala l-għajn tal-imħabba u tal-emozzjonijiet l-iktar umani u li l-iktar jagħmluna umani. Għalhekk, b’qalbna miftuħa, aħna wkoll ningħaqdu ma’ litanija tant twila ta’ tradizzjoni Kattolika u nitolbuk: agħmel li l-qalb tagħna tkun tixbah lil tiegħek. Agħmel li l-qalb tagħna tkun tixbah lil tiegħek fl-imħabba u l-għotja totali tagħna nfusna sal-aħħar, partikolarment meta dan insibuh diffiċli jew inħossuna li għejjejna u xbajna. Agħmel li l-qalb tagħna tkun tixbah lil tiegħek għax tinża’ kull egoiżmu u tfittex biss il-ġid tal-ieħor, hu min

hu, u tas-soċjetà in ġenerali. Agħmel li l-qalb tagħna tkun tixbah lil tiegħek f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ikollna nħabbtu wiċċna ma' qlub iebsa u xierfa, jew inkella ma' qlub maqtugħa li jeħtieġu 'l min jagħmlilhom il-qalb.
Agħmel li l-qalb tagħna tkun tixbah lil tiegħek anke meta qalbna tgħidilna mod ieħor jew inħossu li qed nagħmlu t-tajjeb li għandna nagħmlu imma qed nagħmluh fuq qalbna u kontra qalbna.
Agħmel li l-qalb tagħna tkun tixbah lil tiegħek, qalb li ma ssirx taż-żonqor imma tibqa' qalb li tħoss, li tintmiss mill-ħajja u t-traġedji tagħha, li tfur bil-ferħ u hi qawwija, kollha fiduċja fil-pjanijiet ta' mħabbtek għalina.
Agħmel li l-qalb tagħna tkun tixbah lil tiegħek, li xejn ma żżomm f'qalbha għad-deni, li ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità; qalb li kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti, biex hekk ikollha tassew dik l-imħabba tiegħek li ma tintemm qatt (ara 1 Kor 13, 5-8).

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Aħna u niftħu qalbna beraħ quddiem l-imħabba ta' Alla preżenti quddiemna sagramentalment, ejjew inħallu din l-istess imħabba twessa' 'l qalbna ħalli tilqa' u toffri fit-talb lill-Knisja u lill-umanità kollha.

- Int li ridt li qalbek tkun minfuda b'daqqa ta' lanza biex minnha tnissel il-Knisja, naddaf il-Knisja tiegħek minn kull tebgħa u qaddisha. Nitolbu.
- Agħti qalb ħelwa u umli lill-mexxejja kollha sabiex it-tħaddim tas-setgħa tagħhom ikun fl-interess tal-ġid komuni. Nitolbu.
- Rattab il-qlub iebsa u misshom bil-ħena tiegħek sabiex ibiddlu l-armi tagħhom f'sikek tal-moħriet li jiżirgħu t-tama u fi mnieġel li jaħsdu s-sliem. Nitolbu.
- Kebbes il-qlub ta' dawk iż-żgħażagħ li qed issejħilhom biex jimxu warajk fil-ħajja saċerdotali, reliġjuża, missjunarja, u lajkali, sabiex b'qalb kbira u kuraġġ jilqgħu s-sejħa tiegħek u jimxu warajk. Nitolbu.
- Qaddes il-qlub tas-saċerdoti, is-seminaristi, u dawk kollha li qegħdin fil-formazzjoni sabiex tkun tista' trawwem fihom qalb ta' ragħajja lesti jagħtu ħajjithom kollha għall-merħla. Nitolbu.
- Sabbar lil dawk li qed jistennew xi riżultat mediku jew xi ġudizzju b'qalbhom imtertqa. Nitolbu.
- Battal il-qlub ta' dawk kollha li għadhom iżommu f'qalbhom għad-deni li sarilhom sabiex isibu dak il-mistrieħ li tagħti biss il-maħfra. Nitolbu.
- Ilqa' f'Qalbek għal dejjem lil dawk kollha li għexu fit-tama tal-laqgħa miegħek. Nitolbu.

Ilqa', Mulej, fil-Qalb ħanina tiegħek dawn il-karbiet tagħna u ferragħhom fi ħdan il-Missier, li miegħu tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**